MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 336/2006

**Talba Nru: 336/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Star Industries Limited (C6882)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u sitta u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1266.02c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici in kwantu ghal ammont ta' Lm551.40c ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21486145 u in kwantu ghal ammont ta' Lm714.62c ma'

servizz telefoniku li jgib in-numru 21486146, skond diversi kontijiet mibghuta lis-socjeta' konvenuta li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi t-talba qed tigi ikkontestata peress illi l-ammont mhux dovut mis-socjeta' konvenuta u li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra.

Illi in sostenn tat-talba taghha s-socjeta' attrici pprezentat diversi dokumenti. Dawn partikolarment jikkonsistu f'zewg applikazzjonijiet ghal-linji tat-telefon maghmula mis-socjeta' konvenuta, u cioe, l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku bin-numru 21486145 u l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku bin-numru 21486146.

In oltre s-socjeta' attrici pprezentat kont relattiv ghas-servizz telefoniku bin-numru 21486145 liema kont juri li l-ammont ta' Lm551.40c huwa dovut fuq din il-linja. Gie pprezentata ukoll kont relattiv ghas-servizz telefoniku bin-numru 21486146 liema kont juri li l-ammont ta' Lm714.62c huwa dovut fuq din il-linja.

Is-socjeta' attrici pprezentat ukoll 'account enquiry' relattiv ghal kull wiehed miz-zewg servizzi telefonici.

Illi s-socjeta' konvenuta, alavolja inghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, naqset ghal kollox milli taghmel hekk, u fil-fatt ma resqet l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tad-difiza taghha kif kontenuta fir-risposta taghha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, mitejn u sitta u sittin lira Maltin u zewg centezmi

(Lm1266.02c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------